MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 31/2014

**Zealand Holdings Inc.,**

**socjeta estera registrata fil-Liberja**

**vs**

**Il-bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V.,**

**Registrat fl-Olanda**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-15 ta’ Jannar 2014 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti kienet l-azzjonista unika tas-socjeta Machiko Carrier Inc, socjeta registrata l-Liberja li kienet propjetarja tal-bastiment m.v. Pacific Future, qabel mal-bank intimat wettaq l-azzjonijiet abuzivi u illegali tieghu kif gej:

2. Illi l-bank intimat baghat in-Notice of Default fis-7 ta' Marzu, 2013 (Dok. A) u ntavola l-mandat ta' arrest tal-bastiment nru. 447/2013 rigward il-bastiment m.v. Pacific Future, meta kien propjeta ta' Machiko Carrier Inc., fit-22 ta' Marzu 2013, jigifieri hmistax-il gurnata biss wara li baghat in-Notice of Default.

3. Illi fuq il-mertu tal-kaz, fl-istess Notice of Default il-bank intimat isostni illi huwa dovut lilu l-ammont totali ta' zewg miljuni, tlieta u erbghin elf u tnejn u sittin dollaru Amerikan u tnejn u ghoxrin centezmu (USD 2,043,062.22) kif spjegat fil-Klawsola 6 tal-istess Notice of Default.

4. Illi permezz ta' e-mail datata 11 ta' Marzu, 2013 (Dok. B), Machiko Carrier Inc. ikkontestat l-ammont kif indikat fin-Notice of Default u sostniet illi l-bank intimat ma kienx ikkreditaha korrettement bl-ammont imhallas lill-bank intimat mill-bejgh tal-bastiment m.v. Everest.

5. Illi permezz ta' e-mail datata 13 ta' Marzu, 2013 (Dok. C), il-bank intimat irrisponda billi ammetta illi kien hemm ammont ta' zewg miljuni, sebghin elf tmien mija u wiehed u hamsin dollaru Amerikan (USD2,070,851) li ma kienx ha kont taghhom qabel ghax iddikjara li "please note that the amount of USD2,070,851 related to the proceeds from the sale of the m.v. Everest now has been set-off to reduce the outstanding amounts". Ghalhekk gjaladarba dan l-ammont jeccedi l-ammont rivendikat mill-bank intimat bhala arretrati fil-Notice of Default tieghu tas-7 ta' Marzu 2013, huwa car u manifest illi ma kien hemm l-ebda default, l-ebda nuqqas da parti tas-sidien tal-bastiment m.v. Pacific Future bhala mortgagor.

6. Illi skond il-Klawsola 7.1 u 7.2 tal-First Preferred Ship Mortgage (Dok. D), il-bank intimat ghandu d-dritt jiehu azzjoni biss wara li jkun hemm "Occurrence of an Event of Default" li f'dan il-kaz ma kienx hemm.

7. Illi l-bank intimat ipprezenta ittra ufficcjali fil-11 t'April 2013 (Dok. E) sabiex jirrendi t-titolu ezekuttiv tieghu fil-forma tal-fuq imsemmi First Preferred Ship Mortgage ezegwibbli. Izda huwa bbaza l-allegazzjonijiet tieghu fuq in-Notice of Default fuq imsemmija u ghalhekk l-ittra ufficcjali hija intempestiva u abuziva u illegali stante li sew meta ntbaghtet in-Notice of Default kif ukoll meta giet ipprezentata l-ittra ufficcjali ma kienx hemm stat ta' default.

8. Illi l-bank intimat baqa' ghaddej u b'rikors tad-29 t'April 2013 (Dok. F) talab il-bejgh bis-subbasta tal-bastiment m.v. Pacific Future, dejjem b'riferenza ghan-Notice of Default u l-ittra

ufficcjali fuq imsemmija, u ghalhekk il-bejgh bis-subbasta tal-bastiment huwa intempestiv, abbuziv u illegali.

9. Illi ghalhekk il-bank intimat ma mexiex skond il-ftehim u ghaldaqstant ma kellux dritt la jarresta l-bastiment m.v. Pacific Future u wisq anqas jirrendi ezegwibbli t-titlu ezekuttiv tieghu permezz ta' ittra ufficcjali u jitlob l-bejgh bis-subbasta tal-istess bastiment .

10. Illi b'Digriet taghha tal-11 ta' Gunju 2013 (Dok. G), din l-Onorabbli Qorti ordnat it-twaqqif tas-subbasta promossa mill-bank intimat "minhabba impediment legittirnu u dana sakemm jigu finalizzati l-proceduri Rikors Nru. 522/2013 fl-ismijiet 'Machiko Carrier Inc. vs. Avukat Dr. Nicholas Valenzia' quddiem il-Qorti kif diversament preseduta".

11. IIli kif ser jigi spjegat waqt il-kors tal-kawza stante li l-bank intimat zamm abuzivament flus tas-socjeta Machiko Carrier Inc. sa mill-5 ta' Dicembru 2012 (Dok. H) ghal future balloon payments li kienu jaghlqu f'Jannar 2015, kif ukoll arresta illegalment u abuzivament il-bastiment taghha m.v. Pacific Future u b'hekk waqqaf ic-charterparty (Dok. I), huwa gab lill-Machiko Carrier Inc. fil-posizzjoni li ma tistax thallas la lil bank intimat, la lil-ekwipagg u lanqas ebda kreditur iehor.

12. Illi l-bank intimat hallas lill-ekwipagg u ottjena sentenza ghall-ammont imhallas kontra l-bastiment bhala surrogat fid-drittijiet tal-akwipagg.

13. IIli l-bank intimat bhala surrogat fid-drittijiet ta' l-ekwipagg ottjena il-bejgh privat tal-bastiment m.v. Pacific Future bl-approvazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

14. !IIi wara dan il-bank intimat invoka x-Share Security Deed tas-26 ta' Lulju, 2007 bejn il-bank intimat u s-socjeta rikorrenti bhala l-azzjonista ta' Machiko Carrier Inc. (Dok. J) u ha x-shares kollha tas-socjeta rikorrenti f'Machiko Carrier Inc.

15. IIli kif ser jigi pruvat waqt il-mori tal-kawza, ir-rikorrenti sofrew u qeghdin isofru danni kemm bl-arrest tal-bastiment m.v. Pacific Future billi, fost l-ohrajn, dan l-arrest ikkaguna li c-charterparty ezistenti dak iz-zmien jigi terminat, kif ukoll bl-eventwali bejgh privat tal-bastiment m.v. Pacific Future u t-tehid mill-bank intimat tax-shares tas-socjeta rikorrenti, u dana kollu bi pregudizzju ghad-drittijiet ekonomici u propjetarji tas-socjeta rikorrenti.

16. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, jghid I-intimat ghaliex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u moghtija dawk il-provvedimenti kollha necessarji fic-cirkostanzi tal-kaz, din I-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(i) Tiddikjara n-Notice of Default tas-7 ta' Marzu 2013 rnahruga mill-bank intimat intempestiva u kwindi minghajr effett u konsegwentement tiddikjara ukoll I-ittra ufficcja!iipprezentata mill-bank intimat fil-11 t'April, 2013, minghajr effett skond il-ligi u senjatament Ii ma sserviex sabiex tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv tal-bank intimat fil-forma tal-first preferred mortgage u ghaldaqstant I-arrest taI-istess bastiment zbaljat u iIIegali;

(ii) Tiddikjara lill-bank intimat responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, Ii qed isofru u Ii ghad jistghu jsofru, minhabba I-arrest zbaljat (‘wrongful arrest') tal-bastiment m.v. Pacific Future mill-bank intimat Ii wassal ghall-bejgh privat tal-bastiment u t-tehid tax-shares kollha tas-socjeta rikorrenti f’Machiko Carrier Inc.;

(iii) Tillikwida s-somma dovuta lill-istess rikorrenti u dan okkorrendo l-hatra ta' periti nominandi;

(iv) Tikkundanna IiII-bank intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra I-bank intimat illi minn issa stess huwa ngunt gflas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-bank konvenut li tghid hekk:

1. Preliminarjament, in-nullita tar-rikors mahluf stante illi ma jidhirx illi I-attrici, Ii hija socjeta estera, hatret mandatarju specjali sabiex jirraprezentaha f'Malta waqt I-andament tal-kawza;

2. Preliminarjament ukoll, il-Qrati nostrani rn'ghandhomx gurisdizzjoni sabiex jisimghu u jiddeciedu din il-kawza u dan ai termini ta' klawzola 30 tal-Facility Agreement datat 26 ta' Lulju, 2007 [ezebit bhala Dok. A mar-rikors mahluf];

3. Preliminarjament ukoll, is-socjeta attrici m'ghandhiex I-interess guridiku necessarju sabiex tressaq din il-kawza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, in-Notice of Default tas-7 ta' Marzu, 2013 u l-atti sussegwenti intavolati mill-Bank eccipjenti [inkluz it-tehid ta' shares recenti], huma legalment korretti u validi ghaliex il-kumpanija Machiko Carrier Inc, gja proprjetarja tal-bastiment MV Pacific Future, mhux biss kienet f'sitwazzjoni ta' default skond l-arrangarnent bejnha u Amsterdam Trade Bank N.V., imma talli kienu sehhew diversi defaults ohra sa minn xhur qabel l-ittra msemmija li kienu jiggustifikaw il-hrug tan-Notice of Default kif ukoll il-proceduri istitwiti mill-Bank eccipjenti. Dan ser jigi ppruvat matul din il-kawza anke permezz ta' expert foreign law opinion/s mill-Olanda f'dan ir rigward; ghalhekk, ghandhom jigu michuda kemm l-ewwel zewg talbiet, kif ukoll it-talbiet ghad-danni konsegwenzjali ghalihom;

5. Ilii minghajr pregudizzju ghas-suespost, safejn huma msejsa fuq il-bejgh privat tal-bastiment Pacific Future, it-talbiet ghandhom jigu rnichuda, ghaliex f'dan ir-rigward, ii-Bank esponenti ipproceda kif surrogat fid-drittijiet tal-ekwipagg li kien ottjena titolu ezekuttiv kontra l-bastiment, li qatt ma gie ikkontestat la mill-bastiment, la mis-sidien tal-bastiment Machiko Carrier Inc u wisq anqas minn Zealand Holdings Inc; inoltre, l-bejgh privat sar bl-approvazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti wara procedura li fiha l-bastiment u s-sidien tieghu kellhom sehem attiv; ghalhekk ma jista' jkun hemm ebda lok ta' danni;

6. Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument din il-Qorti tiddeciedi illi n-notice of default u l-proceduri sussegwenti u/jew il-bejgh privat tal-bastiment Pacific Future ma kienux validi, l-atturi xorta jehtigilhom juru illi huma sofrew danni bhala konsegwenza diretta u unika ta' dan u li ma kienx hemm fatturi ohra li wasslu ghad-danni allegati;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-quantum tad-danni allegati ghandu jigi ippruvat;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari fuq il-kwistjoni tan-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti u n-nuqqas ta’ locus standi tas-socjeta attrici f’dawn il-proceduri.

**Eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qorti**

Fil-proceduri quddiem din il-Qorti, is-socjeta attrici Zealand Holdings bhala holding company flimkien mas-socjetajiet Afternon Maritime Corporation u Machiko Carrier Incorporated ilkoll inkorporati fil-Liberia dahlu f'facility agreement fis-26 ta' Lulju 2007 mal-bank konvenut. It-tlett socjetajiet kienu 'obligors' f'dan il-ftehim.

Apparti avvenimenti li sehhew precedenti ghal din il-kawza fosthom il-bejgh ta' assi ta' wahda mis-socjetajiet involuti bhala 'obligors' u dan b'sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta fit-28 ta' Novembru 2013 (Rikors 906/2013) riportata a fol. 153 et seq. tal-process, dak li hu pertinenti ghal din il-kawza hu l-fatt car illi s-socjeta attrici qed tipprova tattakka notice of default datat 7 ta' Marzu 2013 mahrug mill-bank konvenut kontra s-socjeta attrici fost ohrajn emanenti dan in-notice of default direttament mill-ftehim fuq imsemmi datat 26 ta' Lulju 2007.

Ghal din it-talba giet mressqa n-nuqqas ta' gurisdizjoni tal-Qorti Maltin skond klawsola 30 tal-Facility Agreement:

> Illi klawzola 30.1 tal-Facility Agreement taqra testwalment illi "Dutch Law. This Facility Agreement shall be governed by, and construed in accordance with Dutch law."
>
> Illi klawzola 30.2 tkompli billi tghid "Exclusive Dutch jurisdiction. Subject to Clause 30.3, the courts of the Netherlands shall have exclusive jurisdiction to settle any disputes (a "Dispute") which may arise out of or in connection with the Facility Agreement subject to appeal as provided by law. The Obligors agree that the courts of Amsterdam are the most appropriate and convenient courts to settle Disputes and accordingly the Obligors will not argue to the contrary."
>
> Illi klawzola 30.2 hija suggetta ghal klawzola 30.3 li tghid "Choice of forum for the exclusive benefit of the Bank. Clause 30.2 is for the exclusive benefit of the Bank. To the extent legally permitted, the Bank may: (a) commence proceedings in relation to any matter which arises out of or in connection with the Facility Agreement in any other courts of any place other than Amsterdam and which have or claim jurisdiction to that matter; and (b) commence concurrent proceedings in several jurisdictions."

Dan ifisser illi kawnhekk si tratta ta' dispute 'arising out of or in connection with the Facility Agreement', u n-notice of default li qed tigi attakkata specifikament tinsorgi mill-istess kundizzjonijet tal-facility agrement. Il-fatt li hemm konnessjoni ma' proceduri li sehhew f'Malta, pero dawn il-proceduri odjerni ma sarux biex jattakkaw xi nuqqas fil-proceduri Maltin izda nuqqasijiet jew ahjar vjolazzjonijiet tal-Facility Agreement tal-2007. Ghalkemm is-socjeta attrici taghti x'tifhem li qed tattakka n-notice of default u l-proceduri legali li nsorgew minn tali notice pero jibqa' l-fatt fil-fehma tal-Qorti illi s-socjeta attrici qeda finalment tikkontesta l-implimentazzjoni tal-facility agreement li skond hi gie abbuzat mill-bank konvenut bil-proceduri mehuda dejjem pero b'applikazzjoni tal-facility agreement li hu l-pern tal-kwistjoni kollha odjerna.

Il-jurisdiction clause fil-facility agrement hi cara u ma thallix lok ghal interpretazzjoni. Hija l-ligi Olandiza l-proper law u l-Qrati Olandizi l-fora idoneji biex jsolvu vertenza simili bejn il-partijiet. Hu ferm rari u ghal ragunijiet impellenti li l-Qrati Maltin indahlu fejn il-fehma tal-partijiet kienet cara mill-istess ftehim raggunt bejniethom meta huma ffirmaw il-ftehim. Il-principju ta' pacta sunt servanda ghandu jigi osservat (ara **Peter Arrigo Limited vs Dr. Christopher Cilia et**, PA 11/12/2003).

Jigi rilevat illi f'dan il-kaz is-socjeta li resqet il-kawza hi registrata fil-Liberja pero anki kieku kienet registrata f'gurisdizjoni membru tal-Unjoni Ewropea r-regolament tal-Kunsill 44/2001 dwar gurisdizjoni u rikonoxximent u esekuzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali (Brussels 1) ighid fl-artikolu 23:

> Jekk il-partijiet, wiehed jew aktar minnhom ikollu d-domicilju fi Stat Membru, ikunu qablu li qorti jew qrati ta' Stat Membru ghandu jkollu gurisdizzjoni sabiex isolvu xi kwistjonijiet li jkunu qamu jew li jistghu iqumu in konnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari, dak il-qorti jew dawk il-qrati ghandhom ikollhom gurisdizzjoni. Gurisdizzjoni bhal dik ghandha tkun esklussiva sa kemm il-partijiet ma jiftehmux mod iehor. Ftehim bha! dak li jaghti gurisdizzjon ghandhu jkun jew:
>
> (a) bil-kitba jew ikkonfermat bil-kitba;

F'dan il-kaz il-bank konvenut ghandu r-registered office fl-Olanda u ghalhekk domiciljat fi Stat Membru (ara art. 60(1) tar-regolament dwar interpretazzjoni ta' domicilju).

Maghdud ma’ dan anki jekk ghal grazzja tal-argument wiehed jeskludi l-klawsola espressa ta’ gurisdizjoni pattwita bejn il-partijiet l-artikolu 2(1) tar-regolament bhala regola generali jistabilixxi illi:

> Bla pregudizzju ghal dan ir-Regolament, persuni b'domicilju fi Stat Membru ghandhom, independentament min-nazzjonalita taghhom, jigu mfittxija fit-qrati ta' dak l-istat Membru.

Il-Qorti ma tqis li hemm xi ness partikolari u eccezzjonali f’dan il-kaz li jimmerita li l-Qorti tassumi gurisdizjoni residwali kontra dak espressament miftiehem kemm bhala proper law u proper forum meta l-vertenza tirrigwarda purament disputa dwar l-effetti u interpretazzjoni tal-facility agreement 2007 u illi kull procedura precedenti u sussegwenti li ttiehdet f’Malta ghal bejgh tal-vapur proprjeta ta’ wiehed mill-obligors kienet biss incidentali u mhux il-mertu dirett ta’ din il-vertenza stante li l-vertenza ma tirrigwardax dan il-bejgh izda l-validita tan-notice of default li jekk fil-mertu s-socjeta attrici ghandha ragun, ir-rimedju mitlub hu dak generiku tad-danni u mhux li l-proceduri Maltin ghal bejgh tal-vapur jitregghu lura.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis li ghandha tintlaqa’ l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizjoni ta’ din il-Qorti u ghalhekk mhux il-kaz li l-Qorti tidhol fil-mertu tal-eccezzjoni tal-locus standi.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjoni tal-bank konvenut li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizjoni tisma’ l-kawza u tillibera lis-socjeta konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez ghas-socjeta attrici.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------